# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 27 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 42.**
**Citazz. Nru. 1475/00 JRM.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Joseph u Simone mizzewgin Veneziani.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuti Joseph u Simone mizzewgin Veneziani;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Joseph u Simone mizzewgin Veneziani fis-somma ta' elfejn, tmien mija u sittin liri maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm2,860.86) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Joseph u Simone mizzewgin Veneziani mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" u "A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru, 1999 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "B", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Joseph u Simone mizzewgin Veneziani jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tmien mija u sittin liri maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm2860.86) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Joseph u Simone mizzewgin Veneziani mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" u "A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Din il-kawza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra intavolati kontra l-konvenuti Joseph u Simone mizzewgin Veneziani mis-socjeta' attrici, ghall-bilanci ohra dovuti mill-konvenuti lis-socjeta' attrici;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datata 3 ta' Novembru, 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti Joseph u Simone mizzewgin Veneziani jhallsu lill-attrici s-somma ta' elfejn, tmien mija u sittin liri maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm2,860.86) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Joseph u Simone mizzewgin Veneziani mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" u "A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datata 3 ta' Novembru, 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid, kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**27, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**27, t'Ottubru, 2000.**